MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 137/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**1. John Beale (I.D. 12286A)**
**2. Nicola Barton (I.D. 357892M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' €8385.15 (tmint elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' tal-konvenuti mal-Bank of Valletta p.l.c. ('Dok A1 sa A3' u B1 sa B6') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Marzu 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema *laon u overdraft* gew moghtija lill-John Beale u Nicola Barton permezz ta' skrittura privata datata fil-25 ta' Frar 2002 (Dok C).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe' Dok C partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti John Beale u Nicola Barton (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovut lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmi skrittura, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li ipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-3 ta' Gunju 2009 (Dok D) u li huma gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti esebiti in atti a fol 2 sa fol 21.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-20 ta' Ottubru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8385.15 (tmint elef, tlett mija u hamsa u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu) bl-imghax legali ulterjuri mill-5 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------